MT 2020

03

Rapport Speċjali

Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda jinħtieġu aġġornamenti

QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

	Paragrafu
Sommarju eżekuttiv	**I-X**
Introduzzjoni	**01-15**
Ambitu u approċċ tal-awditjar	**16-18**
Osservazzjonijiet	**19-73**
Il-Kummissjoni għamlet xi titjib fil-monitoraġġ tagħha tat-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom	**19-30**
Il-Kummissjoni kienet imħejjija aħjar għaż-żewġ direttivi l-aktar reċenti	**23-24**
Id-Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat ma ġietx trasposta b'mod korrett fl-Istati Membri kollha	**25-28**
Il-Kummissjoni tieħu kont tar-riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari	**29-30**
Il-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb l-arranġamenti tal-UE għan-notifika rapida u għall-iskambju ta' informazzjoni	**31-38**
L-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sikurezza nukleari	**39-58**
L-opinjonijiet jivvalutaw il-konformità tal-investimenti mar-rekwiżiti legali u jipprovdu suġġerimenti għal titjib	**43-47**
Jeħtieġ li l-qafas leġiżlattiv attwali jiġi aġġornat biex jirrifletti l-iżviluppi reċenti fil-qasam tas-sikurezza nukleari	**48-58**
Il-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet proċedura robusta biex tħejji l-opinjonijiet tagħha dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari u tivverifika l-operat tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività	**59-73**
Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet	**74-80**

Annessi

Annex I – Il-kontrolli tal-Kummissjoni

Annex II – Eżempji ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità fit-traspożizzjoni tal-RWD

Glossarju

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija

Sommarju eżekuttiv

I L-UE tiddefinixxi s-"sikurezza nukleari" bħala l-ksib ta' kundizzjonijiet operattivi adatti, il-prevenzjoni ta' aċċidenti u t-tnaqqis ta' konsegwenzi tal-aċċidenti, li jirriżultaw fil-protezzjoni tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali minn perikli li jirriżultaw minn radjazzjonijiet jonizzanti minn installazzjonijiet nukleari. Id-detenturi tal-liċenzji (operaturi) tal-installazzjonijiet nukleari huma primarjament responsabbli għas-sikurezza tal-installazzjonijiet tagħhom, taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

II Fl-UE, l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari huwa rregolat mit-Trattat Euratom tal-1957, li stabbilixxa l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u jipprovdi l-qafas legali għall-kompetenzi u l-attivitajiet tiegħu. Id-Direttivi Euratom reċenti jistabbilixxu rekwiżiti li jirrigwardaw is-sikurezza nukleari, l-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat, kif ukoll l-istandards bażiċi tas-sikurezza.

III L-awditu li wettaqna eżamina kemm il-Kummissjoni użat tajjeb il-kompetenzi tagħha biex tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE. Aħna vvalutajna l-mod kif il-Kummissjoni mmonitorjat it-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom fil-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri. Analizzajna l-arranġamenti għal dak li jirrigwarda n-notifika rapida u l-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika, fejn ir-rwol tal-Kummissjoni huwa limitat għall-ġestjoni tas-sistema. Fl-aħħar nett, aħna analizzajna żewġ attivitajiet li għalihom ir-rwol tal-Kummissjoni jirriżulta mit-Trattat Euratom: hija tagħti opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari u għandha d-dritt li tivverifika l-operat u l-effiċjenza tal-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ kontinwu tal-livell ta' radjuattività.

IV Aħna nikkonkludu li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kkontribwiet b'mod tajjeb għas-sikurezza nukleari fl-UE. Madankollu, hemm lok biex il-Kummissjoni taġġorna l-qafas legali u l-linji gwida interni tagħha.

V Il-Kummissjoni tejbet il-mod kif timmonitorja t-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom. Hija kienet imħejjija aħjar għaż-żewġ direttivi l-aktar reċenti (id-Direttiva emendata dwar is-Sikurezza Nukleari u d-Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza) milli kienet għad-Direttiva preċedenti dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat.

VI Matul il-perjodu li ġie kopert mill-awditu tagħna, il-Kummissjoni użat l-eżitu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari bħala sors ta' informazzjoni meta vvalutat il-konformità ta' Stat Membru mad-direttivi Euratom. Ladarba l-kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità jiġu kkompletati, il-Kummissjoni se tibqa' responsabbli għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

VII Aħna sibna li l-Kummissjoni timmaniġġja l-arranġamenti tas-sistema Komunitarja ta' Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika Urġenti (ECURIE) b'mod tajjeb. Hija tista' ttejjeb is-segwitu tat-tagħlimiet li ttieħdu, iżda żviluppat b'mod kostanti s-sistema biex tiżgura li din tiffunzjona tajjeb u li tkun teknoloġikament aġġornata.

VIII Il-Kummissjoni teżamina l-proġetti ta' investiment fis-settur nukleari biex tivvaluta l-kompatibbiltà tagħhom mat-Trattat Euratom. Hija toħroġ opinjoni mhux vinkolanti għall-Istat Membru kkonċernat. Aħna sibna li l-qafas attwali għall-ħruġ ta' dawn l-opinjonijiet mhuwiex aġġornat skont l-aħħar żviluppi politiċi, leġiżlattivi u teknoloġiċi. Pereżempju, filwaqt li ħafna reatturi huma attwalment suġġetti għal investimenti ta' operat fit-tul (LTO) li għandhom l-għan li jtawlu l-ħajja tal-operat tal-faċilitajiet nukleari lil hinn minn dik imfassla oriġinarjament, il-qafas attwali ma jindikax b'mod ċar jekk dawn l-investimenti humiex mistennija li jiġu nnotifikati b'mod obbligatorju lill-Kummissjoni.

IX L-awditu tagħna wera xi limitazzjonijiet fil-proċeduri li l-Kummissjoni tapplika biex tħejji l-opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari u biex tivverifika l-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ kontinwu tal-livell ta' radjuattività. Il-Kummissjoni ma għandhiex proċeduri robusti li jkunu jiżguraw il-kompletezza, il-konsistenza u l-koerenza ta' dawn l-attivitajiet.

X Ibbażat fuq il-konklużjonijiet tagħna, aħna nagħmlu rakkomandazzjonijiet li jiffukaw fuq ir-rwol li l-Kummissjoni għandha f'dak li jirrigwarda l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom, il-qafas li abbażi tiegħu hija toħroġ l-opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari, u l-approċċ li hija tapplika meta tħejji l-opinjonijiet u twettaq verifikazzjonijiet tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività.

Introduzzjoni

01 Fi tmiem l-2018, 14-il Stat Membru kellhom b'kollox 126 reattur tal-enerġija nukleari li kienu operazzjonali[1]. Erbgħa minn dawn l-Istati Membri kellhom reatturi ġodda li kienu għadhom qed jinbnew (ara l-***Figura 1***).

Figura 1 – Għadd ta' reatturi fil-31 ta' Diċembru 2018



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq *data* minn Nuclear Power Reactors in the World, Reference Data Series No. 2, IAEA, Vjenna (2019).

02 L-impjanti nukleari kienu jiġġeneraw madwar 25 % tal-elettriku li ġie prodott fl-Unjoni Ewropea (UE) fl-2017[2]. Il-produzzjoni tal-elettriku minn impjanti tal-enerġija nukleari naqset b'madwar 18 % mill-2004 sal-2017.

X'inhu l-qafas legali u organizzattiv għas-sikurezza nukleari?

03 L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) hija l-forum intergovernattiv ċentrali għall-kooperazzjoni xjentifika u teknika fil-qasam nukleari fil-livell globali. Hija d-depożitarju ta' bosta konvenzjonijiet internazzjonali ewlenin, bħall-Konvenzjoni dwar is-Sikurezza Nukleari, il-Konvenzjoni dwar in-Notifika Rapida ta' Inċident Nukleari u l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza fil-Każ ta' Inċident Nukleari jew

[1] L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika, Nuclear Power Reactors in the World, Reference Data Series No. 2, IAEA, Vjenna (2019).

[2] L-Eurostat, Statistika dwar l-enerġija nukleari.

Emerġenza Radjoloġika[3]. L-istandards tas-sikurezza tal-IAEA jistabbilixxu prinċipji fundamentali, rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet biex tiġi żgurata s-sikurezza nukleari, li jservu bħala referenza globali. Ħafna organizzazzjonijiet oħra jikkontribwixxu għas-sikurezza nukleari kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak Ewropew, bħal pereżempju l-Aġenzija għall-Enerġija Nukleari (NEA)[4], l-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent (WENRA), il-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG)[5] u l-Assoċjazzjoni Dinjija ta' Operaturi Nukleari (WANO).

04 Is-sikurezza nukleari taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' kull pajjiż li jużа t-teknoloġija nukleari. Il-**gvernijiet** huma responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-sikurezza nukleari, filwaqt li l-**operaturi** tal-faċilitajiet nukleari huma, fl-aħħar mill-aħħar, responsabbli għas-sikurezza tal-faċilitajiet tagħhom. Ir-responsabbiltà nazzjonali f'dak li jirrigwarda s-sikurezza nukleari tal-installazzjonijiet nukleari hija l-prinċipju fundamentali li fuqu ġiet żviluppata l-leġiżlazzjoni dwar is-sikurezza nukleari fil-livell internazzjonali.

05 Fl-UE, l-użu paċifiku tal-enerġija nukleari huwa rregolat mit-Trattat Euratom tal-1957[6], li stabbilixxa l-Komunità Euratom (Euratom) u li jipprovdi l-qafas legali għall-kompetenzi u l-attivitajiet tagħha. Għalkemm il-membri tagħha huma wkoll il-membri tal-UE, u għalkemm hija rregolata mill-istituzzjonijiet tal-UE, il-Euratom hija entità legali separata.

06 Il-Kummissjoni tindirizza l-attivitajiet nukleari minn tliet angoli: is-sikurezza nukleari, is-salvagwardji nukleari u s-sigurtà nukleari (ara l-***Kaxxa 1***).

---

[3] Il-biċċa l-kbira mill-Istati Membri huma partijiet kontraenti kemm għal dawn il-konvenzjonijiet kif ukoll għal konvenzjonijiet internazzjonali oħra relatati mas-sikurezza nukleari.

[4] Taħt il-qafas tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), in-NEA hija aġenzija intergovernattiva li tiffaċilita l-kooperazzjoni fost il-pajjiżi b'infrastrutturi avvanzati tat-teknoloġija nukleari.

[5] Il-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) huwa grupp konsultattiv indipendenti ta' esperti, magħmul minn rappreżentanti mill-Istati Membri kollha u minn rappreżentant mill-Kummissjoni li jattendi u jipparteċipa fid-dibattiti. Il-membri tal-grupp jeleġġu l-president tagħhom (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2007). Huwa jagħti pariri u jassisti lill-Kummissjoni, u jiffaċilita l-konsultazzjonijiet, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

[6] It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Kaxxa 1

Sikurezza, sigurtà u salvagwardji fil-qasam nukleari

L-UE tiddefinixxi s-"**sikurezza nukleari**"[7] bħala l-ksib ta' kundizzjonijiet operattivi adatti, il-prevenzjoni ta' aċċidenti u t-tnaqqis ta' konsegwenzi tal-aċċidenti, li jirriżultaw fil-protezzjoni tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali minn perikli li jirriżultaw minn radjazzjonijiet jonizzanti minn installazzjonijiet nukleari.

Is-**salvagwardji nukleari** (fejn il-Kummissjoni għandha l-kompetenza esklussiva) huma miżuri li ġew stabbiliti biex jiggarantixxu li l-materjali nukleari ma jiġux iddevjati għal skopijiet oħra li mhumiex dawk li għalihom ġew iddikjarati oriġinarjament. L-utenti u d-detenturi ta' materjal nukleari fl-UE huma obbligati jżommu rekords u jiddikjaraw il-flussi kollha ta' dawn il-materjali lill-Kummissjoni.

Is-**sigurtà nukleari** (li primarjament taqa' taħt ir-responsabbiltà nazzjonali) hija ddefinita mill-IAEA bħala l-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' atti kriminali jew intenzjonali mhux awtorizzati li jinvolvu materjal nukleari, materjal radjuattiv ieħor, faċilitajiet assoċjati jew attivitajiet assoċjati, kif ukoll ir-rispons għalihom[8]. Il-protezzjoni fiżika ta' installazzjonijiet nukleari u ta' materjali radjuattivi hija relatata mal-politiki ta' sigurtà u ta' difiża tal-pajjiżi, u fil-biċċa l-kbira taqa' fi ħdan il-kompetenza tagħhom.

07 Fl-UE, l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà li jistabbilixxu u jżommu qafas leġiżlattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali għas-sikurezza nukleari. Id-detenturi tal-liċenzji (operaturi) tal-installazzjonijiet nukleari huma primarjament responsabbli għas-sikurezza tal-installazzjonijiet tagħhom, taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali.

08 Ir-rwol ewlieni tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda s-sikurezza nukleari huwa li tagħmel proposti biex tiżviluppa l-qafas legali tal-Euratom u tissorvelja t-traspożizzjoni tal-istrumenti legali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri. Meta l-Kummissjoni, fir-rwol tagħha bħala "Gwardjan tat-Trattati", tqis li Stat Membru jkun qed jikser id-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Euratom, hija tista' tniedi proċedura ta' ksur.

---

[7] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom.

[8] IAEA Safety Glossary, Edizzjoni tal-2018, © IAEA, 2019.

09 Hija għandha wkoll drittijiet u responsabbiltajiet relatati mas-sikurezza nukleari u mal-protezzjoni mir-radjazzjoni, li huma ġejjin mit-Trattat Euratom. Skont l-Artikolu 35 tat-Trattat Euratom, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tivverifika l-operat u l-effiċjenza tal-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ kontinwu tal-livell ta' radjuattività fl-atmosfera, fl-ilma u fil-ħamrija. Il-Kummissjoni tikkonsolida l-informazzjoni mibgħuta mill-Istati Membri dwar il-livelli ambjentali ta' radjuattività fit-territorju tagħhom[9].

10 Il-Kummissjoni teżamina l-proġetti ta' investiment fis-settur nukleari previsti fl-Istati Membri biex tivverifika jekk humiex kompatibbli mat-Trattat Euratom. Skont il-proċedura stipulata fl-Artikoli 41 sa 44 ta' dan it-Trattat, l-investituri jridu jikkomunikaw il-proġetti ta' investiment fl-industrija nukleari lill-Kummissjoni[10]. Imbagħad, il-Kummissjoni tikkomunika l-fehma tagħha dwar il-proġett (jew "**opinjoni**", skont l-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom) lill-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li tippreżenta analiżi tal-investiment.

11 Filwaqt li l-provvediment ta' arranġamenti għat-tħejjija u r-rispons għal emerġenza jibqa' responsabbiltà nazzjonali, il-Kummissjoni topera, timmaniġġja u tiżviluppa s-sistema Komunitarja ta' Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika Urġenti (ECURIE), li ġiet maħluqa b'segwitu għall-aċċident li seħħ f'Chernobyl fl-1986[11].

12 Minbarra r-rwol li jirriżulta mill-qafas legali, il-Kummissjoni tiffaċilita d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-Istati Membri, pereżempju, permezz tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG). Hija tikkoopera ma' pajjiżi terzi li joperaw jew li qed jibnu impjanti tal-enerġija nukleari, u tikkonkludi ftehimiet magħhom f'dak li jirrigwarda l-qasam tal-kooperazzjoni nukleari. Il-Kummissjoni tikkoopera wkoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-IAEA u n-NEA.

---

[9] L-Artikolu 36 tat-Trattat Euratom.

[10] Relatati mal-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness II tat-Trattat Euratom.

[11] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom dwar arranġamenti tal-Komunità għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika.

Id-direttivi Euratom jistabbilixxu qafas legalment vinkolanti għas-sikurezza nukleari

13 It-Trattat Euratom jagħti lill-Euratom s-setgħa li tistabbilixxi u tinforza standards ta' sikurezza biex tipproteġi s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku inġenerali[12]. L-istandards bażiċi jiġu adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea b'segwitu għal konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni[13].

14 Mill-1959 'il hawn, ftit wara l-ħolqien tagħha, il-Euratom stabbiliet, fid-direttivi, l-istandards bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku inġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti. B'segwitu għal sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tal-2002[14], li rrikonoxxiet u kkjarifikat il-kompetenza kondiviża tal-Euratom mal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-qasam tas-sikurezza nukleari, il-Kunsill adotta leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sikurezza nukleari[15] fl-2009, u f'dak dwar il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat[16] fl-2011. Id-Direttiva dwar standards bażiċi ta' sikurezza ġiet aġġornata b'mod regolari u l-aħħar aġġornament jinkorpora wkoll id-dispożizzjonijiet ta' bosta direttivi preċedenti[17].

---

[12] L-Artikolu 2(b) u t-Titolu II, il-Kapitolu 3 ("Protezzjoni tas-saħħa") tat-Trattat Euratom.

[13] L-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat Euratom.

[14] Is-sentenza tal-QĠUE tal-10 ta' Diċembru 2002, il-Kawża C-29/99 tal-QĠUE, il-Kummissjoni Ewropea vs il-Kunsill, ECR I-11221.

[15] Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014.

[16] Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv.

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/EURATOM tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom.

Tabella 1 – Direttivi Euratom reċenti.

Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari (NSD) 2009, li ġiet emendata fl-2014	Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat (RWD) 2011	Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza (BSSD) 2013
Id-**Direttiva dwar is-sikurezza nukleari** (NSD) hija bbażata fuq ir-rekwiżiti tas-sikurezza nukleari tal-Konvenzjoni dwar is-Sigurtà Nukleari u tal-Prinċipji Fundamentali tas-Sikurezza stabbiliti mill-IAEA. Id-direttiva ġiet emendata f'Lulju 2014 fid-dawl tat-tagħlimiet li ttieħdu mill-aċċident nukleari li seħħ f'Fukushima fl-2011 u tas-sejbiet tal-valutazzjonijiet tar-riskju u dawk tas-sikurezza tal-impjanti tal-enerġija nukleari fl-UE, l-hekk imsejħa "testijiet tal-istress". Id-direttiva emendata ssaħħaħ is-setgħa u l-indipendenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Hija tintroduċi objettiv ta' sikurezza ta' livell għoli għall-UE kollha biex jiġu pprevenuti l-aċċidenti u, f'każ li jseħħ aċċident, biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi tiegħu u jiġu evitati rilaxxi radjuattivi bikrija u kbar.	Id-**Direttiva dwar l-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat** (RWD) tirrikjedi li l-Istati Membri jkollhom politika nazzjonali li tiddeskrivi kif huma biħsiebhom jimmaniġġjaw l-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat li jkunu ġejjin minn attivitajiet nukleari ċivili. L-Istati Membri jridu jistabbilixxu programmi nazzjonali, li jikkonkretizzaw il-politiki nazzjonali fi pjanijiet ta' azzjoni konkreti. Huma jridu wkoll jistabbilixxu qafas leġiżlattiv, regolatorju u organizzattiv nazzjonali ("qafas nazzjonali"), kif ukoll korp regolatorju kompetenti u indipendenti.	Id-**Direttiva dwar standards bażiċi ta' sikurezza** (BSSD) tal-2013 tistabbilixxi l-istandards bażiċi ta' sikurezza għall-protezzjoni tal-ħaddiema, tal-pazjenti u tal-pubbliku inġenerali mir-radjazzjoni u tistabbilixxi limiti fuq id-doża massima ta' radjazzjoni li tkopri s-sitwazzjonijiet kollha ta' esponiment (ippjanati, eżistenti u ta' emerġenza). Id-direttiva l-ġdida aġġornat u inkorporat id-dispożizzjonijiet ta' bosta direttivi preċedenti u żiedet dispożizzjonijiet ġodda, inklużi dawk dwar it-tħejjija u r-rispons għal emerġenza li jinkorporaw xi wħud mit-tagħlimiet li ttieħdu mill-aċċident li seħħ f'Fukushima fl-2011.

Sors: Il-QEA.

15 Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari (NSD)[18] u d-Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat (RWD)[19] jistabbilixxu rekwiżiti biex jitwettqu tliet tipi ta' evalwazzjonijiet regolari bejn il-pari (ara l-***Kaxxa 2***). L-evalwazzjonijiet internazzjonali bejn il-pari huma opportunità biex jiġu skambjati esperjenzi professjonali u biex jiġu kondiviżi t-tagħlimiet li ttieħdu u l-prattiki tajba permezz ta' konsulenza mill-pari, bl-għan li s-sikurezza nukleari tittejjeb kontinwament.

[18] L-Artikolu 8e tal-NSD.

[19] L-Artikolu 14(3) tal-RWD.

Kaxxa 2

Evalwazzjonijiet bejn il-pari

Id-Direttivi Euratom jistabbilixxu rekwiżiti għal tliet tipi ta' evalwazzjonijiet regolari bejn il-pari:

- L-NSD emendata introduċiet sistema Ewropea ta' evalwazzjonijiet topiċi bejn il-pari li jiffukaw fuq kwistjoni speċifika relatata mas-sikurezza u li jitwettqu kull sitt snin. L-ewwel evalwazzjoni topika bejn il-pari, li twettqet fil-perjodu 2017-2018, kienet iddedikata għall-programmi ta' ġestjoni tal-qdim tal-installazzjonijiet nukleari. Il-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) ħejja l-evalwazzjoni bejn il-pari bl-appoġġ tal-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent (WENRA) u f'koordinazzjoni mal-Kummissjoni.

- L-NSD tirrikjedi li, mill-inqas kull 10 snin, l-Istati Membri jwettqu wkoll awtovalutazzjonijiet perjodiċi tal-qafas nazzjonali tagħhom u tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti, u jitolbu evalwazzjoni internazzjonali bejn il-pari tal-aspetti rilevanti tal-qafas nazzjonali tagħhom u tal-awtoritajiet regolatorji kompetenti tagħhom. L-Istati Membri jużaw is-Servizz Integrat għall-Analiżi tar-Regolamentazzjoni (IRRS) tal-IAEA biex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti tal-evalwazzjoni bejn il-pari. Il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ finanzjarju għall-programm tal-missjonijiet IRRS.

- L-RWD tirrikjedi li, mill-inqas kull 10 snin, l-Istati Membri jwettqu awtovalutazzjonijiet u jitolbu evalwazzjonijiet internazzjonali bejn il-pari tal-qafas nazzjonali, l-awtorità regolatorja kompetenti u l-programm nazzjonali tagħhom kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu. L-Istati Membri jużaw is-servizzi ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-IAEA biex jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

16 L-awditu li wettaqna eżamina kemm il-Kummissjoni użat tajjeb il-kompetenzi tagħha biex tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE. Aħna eżaminajna l-mod kif il-Kummissjoni:

(a) mmonitorjat it-traspożizzjoni tat-tliet direttivi Euratom l-aktar reċenti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri;

(b) immaniġġjat il-mekkaniżmi għal notifika rapida u l-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika;

(c) ikkontribwiet għat-tisħiħ tas-sikurezza nukleari permezz tal-opinjonijiet tagħha dwar proġetti ta' investiment;

(d) ħejjiet l-opinjonijiet tagħha dwar l-investimenti u vverifikat l-operat tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività.

17 Aħna ffukajna fuq l-attivitajiet tal-Kummissjoni, abbażi tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet assenjati lilha. Aħna ma kellniex l-għan li neżaminaw il-qafas internazzjonali tas-sikurezza nukleari jew l-applikazzjoni tiegħu fl-Istati Membri, u ma analizzajniex l-aspetti tekniċi tas-sikurezza nukleari. Aħna ma koprejniex it-tħejjija u r-rispons għal emerġenza, ħlief li analizzajna r-rwol tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni tas-sistema ta' notifika rapida tal-UE (ECURIE). Is-sigurtà nukleari u s-salvagwardji nukleari ma kinux jaqgħu fl-ambitu tal-awditjar tagħna. L-awditu tagħna kopra l-perjodu sa tmiem Lulju 2019.

18 Aħna rrieżaminajna l-qafas legali, kif ukoll il-politiki, l-istrateġiji, l-istandards u l-konvenzjonijiet rilevanti. Eżaminajna l-proċeduri tal-Kummissjoni, l-istrateġiji u l-linji gwida interni tagħha, il-gwida li hija pprovdiet lill-Istati Membri, kif ukoll l-għodod, id-dokumenti ta' ħidma, l-iskambji ta' informazzjoni, il-korrispondenza u l-minuti tal-laqgħat tagħha. Irrieżaminajna rapporti, studji, valutazzjonijiet interni u esterni u dokumenti rilevanti oħra. Aħna eżaminajna erba' opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari. Wettaqna intervisti mal-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka – JRC), u ddiskutejna mistoqsijiet dwar is-sikurezza nukleari flimkien ma' esperti f'organizzazzjonijiet internazzjonali.

Osservazzjonijiet

Il-Kummissjoni għamlet xi titjib fil-monitoraġġ tagħha tat-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom

19 Il-Kummissjoni hija responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-direttivi Euratom u għat-teħid ta' azzjoni biex tiġi promossa u infurzata l-konformità. Sabiex tagħmel dan, il-Kummissjoni twettaq kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità (ara l-***Figura 2***).

Figura 2 – Il-proċess tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda l-kontroll tal-konformità



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq is-Sett ta' Għodod tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-Għodda Nru 37.

20 Il-każijiet ta' nuqqas ta' konformità identifikati fil-kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità jistgħu jwasslu għal infurzar permezz tal-proċedura ta' ksur spjegata fil-***Figura 3***.

Figura3 – Il-proċedura ta' ksur



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq l-Artikolu 258 tat-TFUE.

21 Aħna analizzajna l-kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità li twettqu mill-Kummissjoni fuq it-tliet direttivi Euratom reċenti[20], sabiex nivvalutaw kif hija mmonitorjat it-traspożizzjoni tagħhom. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx iffaċilitat, ikkoordinat u ssorveljat il-proċess, jekk kinitx wettqet dawn il-kontrolli b'mod f'waqtu, u jekk kinitx tat segwitu għall-każijiet ta' nuqqas ta' konformità u kinitx niedet azzjoni.

22 Minħabba li kull direttiva għandha dati tad-dħul fis-seħħ u dati ta' skadenza tat-traspożizzjoni li huma differenti, il-kontrolli tal-Kummissjoni seħħew fi stadji differenti fiż-żmien meta wettaqna l-awditu (ara l-***Figura 4***).

[20] L-RWD tal-2011, l-NSD tal-2014 u l-BSSD tal-2013.

Figura 4 – L-istatus tal-kontrolli tal-konformità fiż-żmien meta sar l-awditu.



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni riċevuta mingħand il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni kienet imħejjija aħjar għaż-żewġ direttivi l-aktar reċenti

23 Minbarra l-monitoraġġ u l-infurzar, il-Kummissjoni tista' tiżviluppa għodod oħra biex tiffaċilita t-traspożizzjoni tad-direttivi mill-Istati Membri b'mod korrett u f'waqtu. L-għadd ta' Stati Membri li nnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom sad-data ta' skadenza kien ogħla għaż-żewġ direttivi l-aktar reċenti (il-BSSD u l-NSD emendata), milli għall-RWD (ara t-*Tabella 2*).

Tabella 2 – Għadd ta' Stati Membri li ttrasponew id-direttivi sad-data ta' skadenza.

	Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv (RWD)	Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari (NSD)	Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza (BSSD)
Data ta' skadenza tat-traspożizzjoni	23/8/2013	15/8/2017	06/2/2018
Notifiki li jiġu ppreżentati sad-data ta' skadenza jew qabel it-tnedija ta' proċedimenti ta' ksur għal nuqqas ta' komunikazzjoni	17	24	21

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni riċevuta mingħand il-Kummissjoni.

24 Aħna sibna li kien hemm tliet fatturi li kkontribwew għat-traspożizzjoni aktar rapida tal-NSD u tal-BSSD: l-evalwazzjonijiet tar-riskju ta' traspożizzjoni, it-tfakkiriet mibgħuta lill-Istati Membri, u d-dokumenti strateġiċi ewlenin li, bi tqabbil mad-direttiva preċedenti, ġew approvati qabel. Is-servizzi tal-Kummissjoni:

- ħejjew l-evalwazzjonijiet tar-riskju ta' traspożizzjoni tal-NSD u tal-BSSD, rispettivament, **sena** u **sentejn qabel** id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni (ara l-***Figura 5***), filwaqt li għall-RWD, il-Kummissjoni ma kinitx ħejjiet valutazzjoni tar-riskju li tantiċipa problemi potenzjali relatati mat-traspożizzjoni;

- bagħtu, madwar **sena qabel** id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni (ara l-***Figura 5***), ittri lill-Istati Membri biex ifakkruhom dwar l-obbligu li jikkomunikaw il-miżuri tagħhom fil-ħin. Il-Kummissjoni ma bagħtitx tfakkira fir-rigward tal-RWD;

- approvaw id-dokumenti strateġiċi ewlenin tal-NSD u l-BSSD bejn **erba' xhur u sena qabel** id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni (ara l-***Figura 5***). L-istrateġiji għall-evalwazzjoni tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni taż-żewġ direttivi jipprovdu l-azzjonijiet ippjanati għar-rieżaminar tat-traspożizzjoni tad-direttivi. Huma għenu biex jiġu antiċipati u solvuti l-problemi relatati mal-implimentazzjoni tad-direttivi u stabbilew firxa komprensiva ta' għodod li jippromwovu l-konformità u li għenu lill-Istati Membri biex japplikaw id-direttivi b'mod korrett u f'waqtu (id-dettalji fit-***Tabella 3***). Il-gwida interpretattiva appoġġat lill-Kummissjoni fil-promozzjoni u fid-dokumentazzjoni tal-proċessi tagħha ta' traspożizzjoni u ta' verifikazzjoni tal-konformità. Fil-każ tal-RWD, il-Kummissjoni għamlet disponibbli l-istrateġija interna **sentejn wara** biss id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni, u l-gwida interpretattiva **erba' snin wara**.

Figura 5 – Kronoloġija għall-approvazzjoni tad-dokumenti strateġiċi.



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni riċevuta mingħand il-Kummissjoni.

Tabella 3 – Għodod li jippromwovu l-konformità użati biex tiġi ffaċilitata t-traspożizzjoni.

Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat (RWD)	Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari (NSD)	Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza (BSSD)
o Sessjoni ta' ħidma ta' qabel it-traspożizzjoni o Vidjokonferenzi ma' Stati Membri o Laqgħat ma' Stat Membri o Proċeduri EU Pilot	o Djalogi mal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni o Sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat bilaterali ta' qabel it-traspożizzjoni o Kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet nazzjonali u l-gruppi tas-soċjetà ċivili o Diskussjonijiet fi ħdan l-ENSREG	o Djalogi mal-Istati Membri dwar it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni o Sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat bilaterali ta' qabel it-traspożizzjoni o Analiżi mwettqa mill-Kummissjoni tal-istrateġiji ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri qabel id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni o Diskussjonijiet madwar mejda u seminars

Sors: Il-QEA, ibbażat fuq informazzjoni riċevuta mingħand il-Kummissjoni.

Id-Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat ma ġietx trasposta b'mod korrett fl-Istati Membri kollha

25 Il-Kummissjoni damet **57 xahar** biex tikkompleta l-kontroll tal-konformità fuq l-RWD (it-***Tabella 2*** tal-***Anness I***) — perjodu li huwa sinifikattivament itwal mill-parametru referenzjarju ta' 16 sa 24 xahar stabbilit fir-Regolament tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar[21]. Dan huwa parzjalment spjegat mid-dewmien li bih l-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva kif ukoll min-nuqqas ta' kompletezza tal-miżuri ta' traspożizzjoni.

26 Wara li ffinalizzat il-kontroll tal-konformità, il-Kummissjoni fetħet 15-il proċediment ta' ksur (l-***Anness II*** jagħti eżempji ta' dispożizzjonijiet tal-RWD li l-Istati Membri fil-biċċa l-kbira naqsu milli jittrasponu b'mod korrett). Saż-żmien meta wettaqna l-awditu, 13-il xahar wara t-tnedija ta' dawn il-proċedimenti, kienu biss tnejn minnhom li ngħalqu. Għalhekk, kważi **sitt snin** wara d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni, kien hemm 13-il Stat Membru li kienu għadhom ma ttrasponewx l-RWD b'mod korrett (ara t-***Tabella 2*** tal-***Anness I***). Bl-istess mod, kważi **erba' snin** wara d-data ta' skadenza għall-adozzjoni ta' programm nazzjonali (ara t-***Tabella 3*** tal-

[21] Il-Kummissjoni, is-Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-Għodda Nru 37.

Anness I), kien hemm Stat Membru wieħed li naqas milli jagħmel dan, filwaqt li 17 oħra kienu adottaw programmi li l-Kummissjoni qieset li ma kinux konformi mad-Direttiva.

27 Il-Kummissjoni tuża d-diskrezzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-ftuħ ta' proċediment ta' ksur kontra Stat Membru u s-segwitu ta' kawża miftuħa[22]. Madankollu, hija identifikat lista ta' "każijiet ta' ksur prijoritarji" u stabbiliet parametri referenzjarji għall-ipproċessar f'waqtu ta' dawn il-każijiet[23]. Il-Kummissjoni tipprijoritizza, fost oħrajn, il-każijiet fejn l-Istati Membri jkunu naqsu milli jikkomunikaw miżuri ta' traspożizzjoni jew inkella fejn dawn il-miżuri ma jkunux ippermettew li d-direttivi jiġu trasposti b'mod skorrett. Il-Kummissjoni stabbiliet għaliha nfisha parametru referenzjarju ta' 12-il xahar biex jew tagħlaq jew inkella tirreferi l-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni quddiem il-QĠUE[24]. Dan il-parametru referenzjarju huwa kkalkulat mid-data meta tkun intbagħtet l-ittra ta' intimazzjoni.

28 Fil-kuntest tal-RWD, aħna sibna li f'5 proċeduri ta' ksur mit-13 li tnedew, il-Kummissjoni marret lil hinn minn dan il-parametru referenzjarju ta' 12-il xahar meta ttrattat każijiet ta' nuqqas ta' komunikazzjoni. Kif jidher fit-***Tabella 1*** tal-***Anness I***, il-Kummissjoni ħadet aktar minn sentejn biex tkompli tipproċedi fil-fażi ta' qabel il-litigazzjoni (Ittra ta' Intimazzjoni għall-Opinjoni Motivata) għaż-żewġ każijiet fejn hija ħarġet Opinjoni Motivata.

Il-Kummissjoni tieħu kont tar-riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari

29 Matul il-perjodu li ġie kopert mill-awditu tagħna, il-Kummissjoni użat l-eżitu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari bħala sors ta' informazzjoni meta vvalutat il-konformità ta' Stat Membru mad-direttivi Euratom. Pereżempju, l-Istrateġija NSD għat-traspożizzjoni u għall-implimentazzjoni tad-direttiva tirreferi għar-riżultati tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari, u l-Linji Gwida Interpretattivi tal-NSD jispjegaw ir-rwol tar-rapporti tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari fil-valutazzjoni tal-konformità.

30 Il-Kummissjoni tista' tipparteċipa bħala osservatur f'missjonijiet ta' evalwazzjoni bejn il-pari u għamlet dan okkażjonalment. Hija tikkontribwixxi wkoll għas-segwitu tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari fir-rwol tagħha bħala membru tal-ENSREG. Ladarba l-

---

[22] Il-Kawża C-247/87 Star Fruit vs Il-Kummissjoni.

[23] Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Id-Dritt tal-UE: Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar", C(2016) 8600 final tal-21 ta' Diċembru 2016.

[24] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Ewropa li tikseb ir-riżultati – l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja, KUMM(2007) 502 finali.

kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità jiġu kkompletati, il-Kummissjoni se tibqa' responsabbli għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

Il-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb l-arranġamenti tal-UE għan-notifika rapida u għall-iskambju ta' informazzjoni

31 Il-Kummissjoni timmaniġġja, topera u tiżviluppa s-sistema ECURIE, għodda li tintuża għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill[25] dwar l-arranġamenti tal-UE għal notifika rapida u l-iskambju ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika. Aħna vvalutajna kemm il-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb dawn l-arranġamenti billi eżaminajna jekk hija tiżgurax li s-sistema tissodisfa l-aspettattivi (jiġifieri jekk tissodisfax l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Kunsill), jekk tivvalutax regolarment il-proċessi, jekk tidentifikax id-dgħufijiet reali jew dawk potenzjali u jekk timmonitorjahomx b'mod adegwat, kif ukoll jekk tittestjax is-sistemi f'intervalli regolari.

32 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tirrikjedi li l-Istati Membri jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kollha li jistgħu jkunu affettwati minn inċident billi joħorġu notifika ta' twissija fis-sistema ECURIE[26]. Bl-istess mod, il-Kummissjoni trid tibgħat lill-Istati Membri kollha kull informazzjoni li tirċievi dwar żidiet sinifikanti fil-livell ta' radjuattività jew dwar aċċidenti nukleari f'pajjiżi terzi[27]. L-Istati Membri jistgħu wkoll jibagħtu notifiki urġenti b'mod volontarju biex jikkondividu l-informazzjoni. Il-Kummissjoni tagħmel l-informazzjoni trażmessa permezz tas-sistema ECURIE disponibbli għall-punti ta' kuntatt kollha tal-ECURIE fuq bażi 24/7.

---

[25] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom dwar arranġamenti tal-Komunità għal skambju kmieni ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika.

[26] Is-soll ta' notifika formali għal messaġġ ta' twissija ECURIE huwa stabbilit fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Fil-qosor, l-artikolu jiddikjara li l-Istati parteċipanti huma mitluba joħorġu twissija ECURIE jekk:

(1) l-Istat ikun jinsab f'sitwazzjoni ta' emerġenza radjoloġika u, għaldaqstant, jiddeċiedi li jimplimenta kontromiżuri ta' natura wiesgħa biex jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu, jew

(2) l-Istat isib livelli mhux normali ta' radjazzjoni fl-ambjent u għalhekk jiddeċiedi li jimplimenta kontromiżuri ta' natura wiesgħa biex jipproteġi l-popolazzjoni tiegħu.

[27] L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom.

33 Filwaqt li l-provvediment ta' arranġamenti għat-tħejjija u r-rispons għal emerġenza jibqa' responsabbiltà nazzjonali, l-Istati Membri kollha huma meħtieġa li jipparteċipaw fl-ECURIE, filwaqt li l-pajjiżi terzi jistgħu jitolbu biex jissieħbu fis-sistema fuq bażi volontarja[28]. Ir-rekwiżiti relatati mal-arranġamenti tal-UE ma jipprekludux lill-Istati Membri milli jkollhom l-arranġamenti addizzjonali proprji tagħhom, bħal pereżempju ftehimiet bilaterali jew multilaterali ta' skambju ta' informazzjoni u ta' kooperazzjoni f'każ ta' emerġenza.

34 Ladarba Stat parteċipanti jibgħat notifika ta' twissija ECURIE, il-Kummissjoni tivverifika l-awtentiċità tagħha u tittrażmettiha lill-pajjiżi kollha li jipparteċipaw fl-ECURIE. Wara l-ewwel notifika, l-Istati Membri huma meħtieġa li jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'intervalli xierqa dwar il-miżuri li huma jkunu biħsiebhom jieħdu u dwar il-livelli ta' radjuattività li huma jkejlu. Il-Kummissjoni la tevalwa l-kontenut tan-notifika u lanqas tiddeċiedi dwar jekk għandhiex tinħareġ notifika ta' emerġenza jew le, billi dan jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà li tiżgura li l-informazzjoni tiġi kondiviża b'mod f'waqtu[29].

35 Il-Kummissjoni kkomplementat is-sistema ECURIE permezz tal-Pjattaforma Ewropea għall-Iskambju ta' *Data* Radjoloġika (EURDEP), li hija pjattaforma bbażata fuq il-web li tippermetti li l-awtoritajiet ikollhom disponibbli *data* ta' monitoraġġ radjoloġiku kważi f'ħin reali. L-EURDEP hija għodda li tintuża fi ħdan il-qafas tas-sistema ECURIE biex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' ċerta informazzjoni[30]. L-EURDEP tibbenefika wkoll minn infrastruttura nazzjonali eżistenti, fil-forma ta' stazzjonijiet u ta' netwerk nazzjonali għall-monitoraġġ. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri tal-UE hija obbligatorja, filwaqt li l-pajjiżi terzi jipparteċipaw fuq bażi volontarja. Sit web li huwa aċċessibbli mingħajr ħlas jippermetti li l-pubbliku jara informazzjoni grafika dwar il-livelli ta' radjuattività fiż-żona koperta mill-EURDEP.

---

[28] Fiż-żmien meta sar dan l-awditu, kien hemm erba' pajjiżi terzi li kienu qed jipparteċipaw: l-Iżvizzera, in-Norveġja, il-Montenegro u l-Maċedonja ta' Fuq.

[29] L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom: "Wara li tirċievi l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 2, 3 u 4, il-Kummissjoni għandha, bla ħsara għal Artikolu 6, tibgħatha immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha l-oħra. […]".

[30] L-Istati Membri jridu jkomplu jinfurmaw lill-Kummissjoni f'intervalli xierqa dwar il-livelli ta' radjuattività: l-Artikolu 3(1e, 1f, 3) u l-Artikolu 4(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom.

36 L-arranġamenti tas-sistema ECURIE jiġu maqbula, diskussi u rieżaminati fil-laqgħat bejn l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istati Membri[31]. Bħala medja, dawn il-laqgħat jissejħu mill-Kummissjoni kull sentejn. Huma jittrattaw ukoll it-tagħlimiet li ttieħdu u l-problemi identifikati. Il-bidliet maqbula jiġu ddokumentati fl-Istruzzjoni ta' Komunikazzjoni tal-ECURIE, li tippreżenta l-proċeduri maqbula bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri[32].

37 Aħna sibna li l-Kummissjoni żviluppat b'mod kostanti s-sistema ECURIE biex tiżgura li din tiffunzjona tajjeb u li tkun teknoloġikament aġġornata. Il-Kummissjoni qablet dwar il-proċessi u tipprovdi struzzjonijiet għall-utenti. Hija torganizza regolarment eżerċizzji biex tittestja l-arranġament[33]. Hija wettqet jew ordnat rieżamijiet fuq is-sistema ECURIE bl-għan li tivvalutaha u ttejjibha. Il-Kummissjoni żviluppat l-ECURIE f'koordinazzjoni mas-Sistema Unifikata tal-IAEA għall-Iskambju ta' Informazzjoni f'Każ ta' Inċidenti u Emerġenzi (USIE). L-ECURIE wriet ukoll li hija teknikament operattiva f'każijiet reali meta l-Istati Membri jkunu bagħtu twissijiet[34].

38 Madankollu, aħna sibna li l-Kummissjoni ma kinitx tat segwitu għal ċerti oqsma ewlenin li fihom seta' jsir titjib u li hija kienet identifikat meta vvalutat l-arranġamenti. Pereżempju, it-tagħlimiet li ttieħdu minn twissijiet ECURIE reali wrew l-importanza tal-komunikazzjoni pubblika u li din għandha tifforma parti mill-eżerċizzji ECURIE. Il-Kummissjoni identifikat ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat programm ta' taħriġ regolari dwar is-sistema ECURIE għall-awtoritajiet nazzjonali u għall-persunal tagħha stess. Aħna sibna li l-Kummissjoni ftit li xejn kienet għamlet progress biex tirrimedja dawn il-problemi, minkejja li hija tqis li dawn huma importanti.

---

[31] L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaqblu dwar proċeduri dettaljati għall-iskambju bikri ta' informazzjoni fil-każ ta' emerġenza radjoloġika.

[32] F'konformità mal-Artikolu 5.2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600.

[33] L-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom.

[34] Saż-żmien meta wettaqna l-awditu, it-twissijiet ECURIE kienu ntużaw darbtejn, it-tnejn li huma fl-2008: inċident li seħħ fis-Slovenja (Krsko) fl-4 ta' Ġunju 2008 u inċident li seħħ fil-faċilità ta' produzzjoni tal-isotopi radjuattivi tal-IRE fi Fleurus, il-Belġju, li seħħ fit-28 ta' Awwissu 2008.

L-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sikurezza nukleari

39 Il-persuni u l-impriżi (investituri) huma mitluba li jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment fl-industrija nukleari li huma relatati ma' installazzjonijiet ġodda, sostituzzjonijiet jew konverżjonijiet sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel ma jiġu konklużi l-ewwel kuntratti mal-forniturі. Jekk ix-xogħol irid isir mill-investitur, id-data ta' skadenza għall-komunikazzjoni hija ta' tliet xhur qabel ma jibda x-xogħol.

40 Żewġ regolamenti tal-Euratom jiddefinixxu t-tipi ta' investiment u l-informazzjoni li l-investituri jridu jipprovdu. Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2587/1999 jagħti dettalji dwar it-tipi ta' proġetti li jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, kif ukoll is-sollijiet tal-infiq għal kull tip ta' proġett li jeħtieġ notifika obbligatorja. Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1209/2000 jispeċifika l-kontenut tan-notifika.

41 L-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom jirrikjedi li l-Kummissjoni tiddiskuti mal-investituri l-"**aspetti kollha**" tal-proġetti ta' investiment li huma relatati mal-objettivi tat-Trattat. Wara din id-diskussjoni, il-Kummissjoni tikkomunika l-opinjonijiet tagħha lill-Istat Membru kkonċernat. La t-Trattat Euratom u lanqas il-leġiżlazzjoni sekondarja tiegħu ma ffissaw limiti ta' żmien għall-analiżi tal-proġett min-naħa tal-Kummissjoni.

42 L-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment fis-settur nukleari mhumiex legalment vinkolanti[35]. Madankollu, proġett li jkun irċieva opinjoni "favorevoli" biss huwa eliġibbli li jibbenefika minn self tal-Euratom[36].

L-opinjonijiet jivvalutaw il-konformità tal-investimenti mar-rekwiżiti legali u jipprovdu suġġerimenti għal titjib

43 Għall-perjodu 2000-2018, il-Kummissjoni adottat 75 opinjoni. L-opinjonijiet kollha li ngħataw mill-Kummissjoni kkonkludew li l-investimenti kienu jissodisfaw l-objettivi tat-Trattat, f'xi każijiet taħt ċerti kundizzjonijiet li ġew spjegati fl-opinjoni.

---

[35] L-Artikolu 288 tat-TFUE: Ir-rakkomandazzjonijiet u l-opinjonijiet ma jkunux vinkolanti.

[36] Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/179/Euratom, hija meħtieġa opinjoni favorevoli mill-Kummissjoni "f'termini tekniċi u ekonomiċi" għall-għoti ta' self tal-Euratom għal proġetti ta' investiment li huma relatati mal-produzzjoni industrijali tal-elettriku f'impjanti tal-enerġija nukleari implimentati fl-Istati Membri u fl-Istati terzi eliġibbli.

44 Aħna eżaminajna erba' opinjonijiet li nħarġu mill-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' investiment fl-industrija nukleari, biex nivvalutaw jekk il-Kummissjoni ssegwix il-proċedura prevista fit-Trattat Euratom[37] kif ukoll il-leġiżlazzjoni sekondarja tiegħu[38], u jekk hija tivvalutax il-konformità tal-proġett mal-obbligi rilevanti kollha tat-Trattat Euratom fir-rigward tas-sikurezza nukleari. Aħna għażilna l-opinjonijiet l-aktar reċenti tal-Kummissjoni, billi kkunsidrajna r-rilevanza (it-tip) u l-materjalità tal-proġetti ta' investiment.

45 Fl-erba' opinjonijiet kollha, aħna sibna li l-Kummissjoni kienet ivvalutat il-konformità tal-proġett mal-obbligi rilevanti kollha tat-Trattat Euratom f'termini ta' sikurezza nukleari. Il-Kummissjoni taċċerta ruħha jekk, sa mill-istadji bikrin ħafna tiegħu, il-proġett ta' investiment ikunx jiżgura u jiggarantixxi r-rispett tal-objettivi relatati mas-sikurezza nukleari. L-opinjonijiet huma sostnuti minn evidenza xjentifika li tappoġġa r-rakkomandazzjonijiet proposti, li jiġu diskussi mal-investitur.

46 Pereżempju, tnejn mill-opinjonijiet tal-Kummissjoni[39] jirreferu għal:

- l-opinjoni pożittiva tal-Kunsill Xjentifiku għar-Radjazzjoni Jonizzanti dwar l-evalwazzjoni tal-proġett tal-investitur;
- l-azzjonijiet u l-investimenti meħtieġa biex jiġi żgurat li l-operat fit-tul tal-impjant ikun sikur;
- il-pjanijiet għal titjib kontinwu tas-sikurezza nukleari;
- il-pjan ta' azzjoni wara t-testijiet tal-istress; u
- l-evalwazzjonijiet bejn il-pari u l-azzjoni sussegwenti meħuda mill-investitur.

---

[37] L-Artikoli 41-43.

[38] Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM) Nru 2587/1999 tat-2 ta' Diċembru 1999 li jiddefinixxi l-proġetti tal-investiment li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (ĠU L 315, 9.12.1999, pp. 1-3), u

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1209/2000 tat-8 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi proċeduri biex iġib fis-seħħ il-komunikazzjonijiet preskritti taħt l-Artikolu 41 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (ĠU L 138, 9.6.2000, pp. 12-14).

[39] Ippubblikati fuq is-sit web tal-investitur fit-23 ta' Marzu 2017.

47 Dawn iż-żewġ opinjonijiet jappellaw ukoll għal:

- l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-riżultati tat-testijiet tal-istress u tar-rakkomandazzjonijiet kollha;
- l-implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari u tar-rakkomandazzjonijiet kollha;
- l-implimentazzjoni f'waqtha tat-titjib fis-sikurezza; u
- l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' soluzzjoni fl-impjant nukleari għar-rimi ta' fjuwil użat u skart radjuattiv.

Jeħtieġ li l-qafas leġiżlattiv attwali jiġi aġġornat biex jirrifletti l-iżviluppi reċenti fil-qasam tas-sikurezza nukleari

48 Ir-Regolamenti Nru 2587/1999 u Nru 1209/2000 ġew adottati żewġ deċennji ilu. Huma jippreċedu kemm l-iżviluppi politiċi kif ukoll dawk leġiżlattivi l-aktar reċenti fil-qasam tas-sikurezza nukleari u tal-ġestjoni tal-iskart radjuattiv: l-istrateġiji Ewropej għall-enerġija tal-2014 u tal-2015[40], li jistabbilixxu l-għanijiet tal-UE f'dan il-qasam, u d-direttivi Euratom l-aktar reċenti (l-RWD tal-2011, il-BSSD tal-2013, u l-NSD aġġornata tal-2014).

49 Sabiex tkun tista' tiddiskuti l-"aspetti kollha" tal-proġetti ta' investiment li huma relatati mal-objettivi tat-Trattat[41], il-Kummissjoni tirrikjedi informazzjoni estensiva mingħand l-investitur. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 2587/1999 jistipula li l-komunikazzjoni dwar il-proġetti "*għandha [...] tkun limitata għad-dettalji meħtieġa għad-diskussjoni [...] u b'mod partikolari l-informazzjoni kollha relatata ma'*", *inter alia*, it-tipi ta' prodotti jew l-attività u l-kapaċità tal-produzzjoni jew tal-ħażna. Ir-Regolament Nru 1209/2000 jiddefinixxi l-ambitu tal-informazzjoni li l-investitur huwa meħtieġ jikkomunika.

---

[40] Strateġija Ewropea għas-Sigurtà tal-Enerġija. COM(2014)330. Komunikazzjoni dwar Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem. COM(2015)80.

[41] Kif stabbilit fl-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom.

50 Dawn iż-żewġ regolamenti huma obsoleti fir-rigward tat-tipi ta' investimenti li jenħtieġ li jiġu nnotifikati, billi dawn ma jirriflettux l-iżviluppi l-aktar reċenti fl-industrija nukleari.

51 Aħna sibna notifika waħda ta' investiment f'teknoloġija ġdida li għaliha l-Kummissjoni kellha titlob informazzjoni addizzjonali biex tikkjarifika liema attività industrijali l-proġett kien jikkonċerna, billi l-attività notifikata ma kienet taqa' fl-ebda waħda mill-kategoriji elenkati fir-Regolament Nru 2587/1999. F'dan il-każ, l-investitur qabel li jipprovdi l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Kummissjoni. Madankollu, aħna sibna każ ieħor ta' investiment ta' operat fit-tul (LTO) li l-investitur kien irrifjuta li jinnotifika lill-Kummissjoni, bl-argument li l-LTOs fihom innifishom mhumiex investiment, iżda huma proċess kontinwu ta' titjib u modernizzazzjoni ta' reattur, li mhuwiex meħtieġ li jiġi nnotifikat. Billi r-Regolament Nru 2587/1999 ma jispeċifikax jekk il-Kummissjoni għandhiex tiġi nnotifikata b'dawn it-tipi ta' investiment, in-notifika ta' tali proġetti tiddependi fuq ir-rieda tajba tal-investituri.

52 In-nuqqas ta' ċarezza dwar jekk l-LTOs għandhomx ikunu suġġetti għal notifika obbligatorja huwa ta' rilevanza partikolari billi l-età medja tar-reatturi Ewropej qed toqrob it-30 sena. Ħafna reatturi huma attwalment suġġetti għal investimenti ta' LTO li għandhom l-għan li jtawlu l-ħajja tal-operat tal-faċilitajiet nukleari lil hinn minn dik imfassla oriġinarjament. Il-Kummissjoni tistenna li, fis-snin li ġejjin, l-LTOs ikunu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira mill-investimenti fis-settur nukleari fit-terminu qasir sa medju[42] (ara l-***Figura 6***).

[42] SWD(2017) 158 final: "Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Programm Nukleari Illustrattiv ippreżentat skont l-Artikolu 40 tat-Trattat Euratom".

Figura 6 – Projezzjoni tal-kapaċità nukleari installata fl-EU-28, inklużi l-LTO.



Sors: Il-QEA, ibbażat fuq grafika pprovduta mill-Kummissjoni.

53 Aħna osservajna wkoll li s-sollijiet tal-investiment (ammonti ta' nfiq) stabbiliti fir-Regolament Nru 2587/1999 mhumiex ċari dwar dak li jeħtieġ li jiġi kkunsidrat għall-kalkolu tal-ispiża totali tal-investiment (eż. il-perjodu ta' żmien tal-investiment, it-tip ta' investiment, eċċ.).

54 Mill-2015 sal-2018, il-Kummissjoni bagħtet ħames ittri lill-investituri biex tfakkarhom dwar l-obbligi ta' notifika tagħhom. Aħna eżaminajna l-ħames każijiet kollha. F'każ minnhom, l-investitur ma weġibx lill-Kummissjoni. F'każ ieħor, l-investitur irrifjuta li jinnotifika investiment, bl-argument li huwa ma laħaqx is-soll tal-infiq stabbilit fir-Regolament Nru 2587/1999. Skont l-investitur, ir-rekwiżit japplika biss għal komponenti individwali li jaqbżu s-soll iddefinit, u mhux għall-proġett kollu kemm hu.

55 Il-Kummissjoni fl-ebda wieħed minn dawn il-ħames każijiet ma applikat proċeduri biex tagħti segwitu għall-każijiet ta' nuqqas ta' konformità. Jekk il-Kummissjoni tqis li investitur ma kienx konformi mal-obbligu li jinnotifika proġett ta' investiment, hija tkun tista' tqis li tagħti bidu għal proċedura ta' qabel il-ksur kontra l-Istat Membru kkonċernat (skambji ta' informazzjoni kif ukoll laqgħat ulterjuri mal-investitur u/jew mal-Istat Membru), li tista' tiġi segwita minn proċediment ta' ksur. Fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-Kummissjoni ma kienet ħadet l-ebda pass ieħor biex tinforza l-obbligu ta' notifika tal-proġetti. Ir-raġunament tal-Kummissjoni għalfejn ma tatx segwitu għal dawn il-każijiet kien li l-leġiżlazzjoni ma kinitx tindika b'mod ċar it-tip u d-daqs tal-proġetti li għalihom kienet meħtieġa notifika obbligatorja.

56 Fil-Pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija tal-2015, il-Kummissjoni timpenja lilha nfisha li taġġorna u ssaħħaħ ir-rekwiżiti dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'dak li jirrigwarda l-proġetti ta' installazzjoni nukleari, filwaqt li tispeċifika aktar l-informazzjoni li għandha tiġi kkomunikata mill-investituri[43]. Hija tistabbilixxi l-2015 bħala d-data ta' skadenza għal Regolament tal-Kunsill li jaġġorna r-rekwiżiti għal notifika ta' investimenti fis-settur nukleari.

57 Fl-2015, il-Kummissjoni ppreżentat il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu għar-regolament aġġornat, billi kompliet tispeċifika t-tip ta' investimenti li huma suġġetti għal notifika obbligatorja u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-investitur. Din ġiet segwita minn konsultazzjoni pubblika[44], li għaliha wieġbu 40 parti kkonċernata (investituri potenzjali, assoċjazzjonijiet tal-industrija, amministrazzjonijiet pubbliċi, regolaturi, NGOs u ċittadini privati). Għalkemm is-soluzzjonijiet proposti tagħhom kienu jvarjaw, kollha kemm huma qablu li l-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-opinjoni tal-Kummissjoni tista' ssir aktar effettiva.

58 L-aġenda tal-Kummissjoni tindika t-tieni kwart tal-2020 bħala d-data ta' adozzjoni ppjanata għal regolament aġġornat. Saż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-Kummissjoni kienet għadha ma ffinalizzatx il-valutazzjoni tal-feedback tal-konsultazzjoni pubblika tal-2016, u kienet għadha ma ħejjietx ir-rapport inizjali (il-pass li jmiss fil-proċess[45]). Il-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet għad-dewmien fl-aġġornament tal-qafas.

Il-Kummissjoni ma kinitx stabbiliet proċedura robusta biex tħejji l-opinjonijiet tagħha dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari u tivverifika l-operat tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività

59 Aħna vvalutajna l-mod kif il-Kummissjoni qed tħejji l-opinjonijiet tagħha dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari u kif hija organizzat il-verifikazzjonijiet li twettaq fil-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ kontinwu tal-livell ta' radjuattività fl-atmosfera, fl-ilma u fil-ħamrija.

---

[43] COM(2015) 80 final (Il-Pakkett dwar l-Unjoni tal-Enerġija).

[44] Konsultazzjoni Pubblika dwar "Reviżjoni tal-informazzjoni u tar-rekwiżiti proċedurali skont l-Artikoli 41 sa 44 tat-Trattat Euratom".

[45] Il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar 2017 – Regolamentazzjoni Aħjar fil-Kummissjoni, il-Kapitolu III - Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt.

Tħejjija ta' opinjonijiet

60 Għall-erba' opinjonijiet magħżula, aħna eżaminajna jekk il-proċeduri applikati mill-Kummissjoni għat-tħejjija tal-opinjonijiet tagħha kinux żguraw valutazzjoni sħiħa, konsistenti u koerenti ta' investimenti fis-settur nukleari.

61 Meta tħejji l-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni ssegwi l-proċedura ta' qafas prevista: fl-Artikoli 41-44 tat-Trattat Euratom (ara l-paragrafu ***39***); ir-Regolament Nru 2587/1999 u fir-Regolament Nru 1209/2000 (ara l-paragrafu ***40***); f'att ta' għoti ta' setgħat tal-2002[46] u fil-proċess verbali[47] applikat mis-servizzi tal-Kummissjoni.

62 Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija jikkoordina l-proċess ta' ħruġ ta' opinjonijiet, li jinkludi l-konsultazzjoni ta' 12-il servizz ieħor tal-Kummissjoni. Id-Direttorat Ġenerali inkarigat mill-koordinazzjoni huwa responsabbli għall-ġbir ta' feedback mis-servizzi l-oħra u għad-diskussjoni ta' kwalunkwe tħassib mal-investitur. L-opinjonijiet tal-Kummissjoni jsegwu mudell standard. Wara proċess ta' validazzjoni interna, il-Kummissarju għall-Enerġija, f'isem il-Kummissjoni, jadotta l-opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari.

63 Aħna identifikajna għadd ta' limitazzjonijiet fil-proċedura ta' qafas tal-Kummissjoni:

- il-Kummissjoni ma ddefinietx l-ambitu tal-valutazzjoni skont it-tip ta' proġett, u lanqas il-kriterji biex tiżgura li hija tkopri l-aspetti rilevanti kollha, jew kif tuża informazzjoni oħra relatata mas-sikurezza nukleari meta tħejji l-opinjonijiet, bħal testijiet tal-istress, evalwazzjonijiet bejn il-pari u riżultati tat-traspożizzjoni tad-direttivi. Minflok, il-Kummissjoni tiddefinixxi "oqsma ta' valutazzjoni" fuq bażi ta' każ b'każ, skont il-karatteristiċi tal-proġett innotifikat.

- għal proġetti li jitqiesu bħala kumplessi u tekniċi ħafna, il-Kummissjoni tista' tipproduċi rapporti tekniċi, kif ukoll dokumentazzjoni interna li tiġbor fil-qosor ix-xogħol li wassal għall-opinjoni. Madankollu, ma hemm l-ebda kriterju li jiddefinixxi meta proġett jitqies bħala kumpless u meta jkun jenħtieġ li tali dokumentazzjoni tiġi kkumpilata.

---

[46] SEC(2002) 583.

[47] PV(2002)1569 final.

64 Aħna nqisu li l-proċedura ta' qafas fis-seħħ ma tiżgurax koerenza, kompletezza u konsistenza fl-opinjonijiet tal-Kummissjoni. Pereżempju, aħna sibna li f'opinjoni waħda, għall-kuntrarju ta' opinjonijiet oħra li analizzajna, il-Kummissjoni ma tkoprix aspetti bħall-konformità mal-qafas legali f'dak li jirrigwarda s-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, is-sigurtà tal-provvista ta' fjuwil, il-ġestjoni ta' fjuwil użat u ta' skart radjuattiv/id-diżattivazzjoni ta' faċilitajiet, jew is-salvagwardji nukleari.

65 Il-Kummissjoni rrikonoxxiet il-ħtieġa li ttejjeb il-proċeduri tagħha u fl-2017 ħejjiet abbozz ta' dokument. Madankollu, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-Kummissjoni kienet għadha ma approvatx dan l-abbozz.

Verifikazzjoni ta' faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività

66 L-Artikolu 35 tat-Trattat Euratom jirrikjedi li kull Stat Membru jistabbilixxi l-faċilitajiet meħtieġa għall-kontroll permanenti tal-livelli ta' radjuattività fl-atmosfera, fl-ilma u fil-ħamrija u għall-kontroll tal-konformità man-normi bażiċi. Skont it-termini tal-istess artikolu, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tivverifika l-operat u l-effiċjenza tagħhom.

67 Skont l-Artikolu 35, l-objettiv ġenerali tal-verifikazzjonijiet huwa li jiġi vverifikat jekk il-faċilitajiet għall-monitoraġġ kontinwu humiex fis-seħħ u humiex operabbli, u jekk il-monitoraġġ isirx b'mod effiċjenti[48]. Il-Kummissjoni tivverifika kemm l-operat kif ukoll l-effiċjenza tal-faċilitajiet (inklużi laboratorji ta' analiżi, tagħmir mobbli ta' monitoraġġ, eċċ.) flimkien mal-adegwatezza tas-sistema ta' monitoraġġ ambjentali.

68 Aħna vvalutajna jekk il-Kummissjoni kinitx għamlet użu mid-dritt tagħha li tivverifika dawn il-faċilitajiet billi twettaq verifikazzjonijiet f'intervalli regolari, tuża metodoloġija koerenti u ċara u tirrapporta b'mod adegwat, kif ukoll tagħti segwitu għas-sejbiet.

[48] SWD(2013) 226 final.

69 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni[49] tiddeskrivi fil-qosor l-arranġamenti għat-twettiq taż-żjarat ta' verifikazzjoni u tipprovdi deskrizzjoni ġenerali tal-ambitu, l-objettiv, kif ukoll il-prinċipji għall-għażla tal-faċilitajiet li għandhom jiġu vverifikati, l-ippjanar u r-rappurtar taż-żjarat.

70 Il-Kummissjoni twettaq il-kontrolli tagħha fuq il-bażi ta' programm kontinwu ta' tliet snin[50], li jiġi aġġornat kull sitt xhur. Il-kopertura territorjali, l-esperjenza ta' verifikazzjonijiet tal-passat u l-interess pubbliku huma l-kriterji prinċipali għall-għażla tal-faċilitajiet għall-verifikazzjoni. Għall-finijiet ta' ppjanar, il-Kummissjoni żżomm rekord tal-kopertura territorjali, jiġifieri l-għadd ta' verifikazzjonijiet li jsiru f'kull Stat Membru. Saż-żmien meta wettaqna l-awditu, il-Kummissjoni kienet qed twettaq medja ta' madwar ħames verifikazzjonijiet sa sitta fis-sena.

71 Il-prattika normali tal-Kummissjoni hija li tippubblika s-sejbiet prinċipali tagħha u rapport tekniku, flimkien mal-kummenti tal-Istat Membru. Fir-rapport ta' verifikazzjoni, hija tista' tagħmel rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti jew tfaħħar prattika jew tagħmir partikolarment tajbin. Il-Kummissjoni tagħti segwitu tas-sejbiet tagħha fuq bażi ta' każ b'każ, billi tikkunsidra l-ispeċifiċità tal-verifikazzjoni u s-sinifikat tar-rakkomandazzjonijiet. Jekk jingħataw rakkomandazzjonijiet, hija titlob lill-Istat Membru biex jirrapporta dwar l-azzjonijiet meħuda. Hija tista' twettaq ukoll żjara ta' verifikazzjoni mill-ġdid biex tivverifika li r-rakkomandazzjonijiet preċedenti jkunu ngħataw attenzjoni xierqa.

72 Fir-rigward tal-metodoloġija għat-twettiq tal-verifikazzjonijiet, aħna sibna difetti simili għal dawk li identifikajna fl-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari. Il-Kummissjoni la kellha gwida dwar metodoloġija speċifika għat-twettiq tal-verifikazzjonijiet, u lanqas kriterji għall-valutazzjoni tal-operat u l-effiċjenza tal-faċilitajiet jew tal-adegwatezza tal-programm ta' monitoraġġ ambjentali. Ma kien hemm l-ebda gwida maqbula dwar il-proċedura ta' segwitu li tiddefinixxi l-każijiet li fihom huwa mistenni li l-Kummissjoni twettaq żjara ta' verifikazzjoni mill-ġdid.

---

[49] Verification of environmental radioactivity monitoring facilities under the terms of Article 35 of the Euratom Treaty – Practical arrangements for the conduct of verification visits in Member States (2006/C 155/02) tal-4 ta' Lulju 2006.

[50] Skont il-Komunikazzjoni 2006/C 155/02 tal-4 ta' Lulju 2006, (15) il-verifikazzjonijiet jitwettqu ġeneralment skont programm annwali stabbilit mill-Kummissjoni.

73 F’dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni mexxiet proġett intern biex tiġi żviluppata gwida għat-twettiq ta’ verifikazzjonijiet, inklużi metodoloġija ċara u kriterji stabbiliti. Madankollu, fiż-żmien meta wettaqna l-awditu, ma kien intlaħaq l-ebda ftehim intern dwar din il-gwida.

Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

74 Aħna nikkonkludu li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kkontribwiet b'mod tajjeb għas-sikurezza nukleari fl-UE. Madankollu, hemm lok biex il-Kummissjoni taġġorna l-qafas legali u l-linji gwida interni tagħha.

75 Fir-rigward tar-rwol tal-Kummissjoni fil-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-direttivi Euratom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, aħna sibna li l-Kummissjoni kienet imħejjija aħjar għaż-żewġ direttivi l-aktar reċenti, id-Direttiva emendata dwar is-Sikurezza Nukleari (NSD) u d-Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza (BSSD), milli għad-Direttiva preċedenti dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat (RWD) (il-paragrafi ***23*** sa ***24***) Is-servizzi tal-Kummissjoni approvaw id-dokumenti strateġiċi ewlenin qabel id-dati ta' skadenza tat-traspożizzjoni u għamlu użu minn aktar għodod li jippromwovu l-konformità għall-NSD u għall-BSD milli għall-RWD.

76 Għall-RWD, 13-il proċediment ta' ksur għal nuqqas ta' konformità kienu għadhom għaddejjin kważi sitt snin wara d-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni (il-paragrafi ***25*** sa ***26***). Bl-istess mod, erba' snin wara d-data ta' skadenza, fil-biċċa l-kbira mill-Istati Membri kienu għadhom għaddejjin proċedimenti ta' ksur għal nuqqas ta' konformità tal-programmi nazzjonali meħtieġa mill-RWD. Aħna osservajna li xi drabi l-proċedimenti ta' ksur imxew bil-mod (il-paragrafi ***26*** sa ***28***).

Rakkomandazzjoni 1 – Aġġornament tal-approċċ għall-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-Direttivi Euratom

Sabiex tiffaċilita u timmonitorja b'mod aktar effettiv it-traspożizzjoni f'waqtha, kompleta u preċiża tad-direttivi Euratom futuri mill-Istati Membri, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi linji gwida li jipprevedu valutazzjoni tar-riskju kif ukoll l-approvazzjoni ta' strateġija u gwida interpretattivi mill-inqas sena qabel id-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni. Jenħtieġ li l-istrateġija tistipula l-użu ta' għodod li jippromwovu l-konformità sa mill-fażi ta' qabel it-traspożizzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: Direttivi adottati wara l-2020

77 Ir-rwol tal-Kummissjoni fl-approċċ transfruntier fil-każ ta' emerġenza radjoloġika huwa prinċipalment limitat għaż-żamma ta' għodda teknika, minħabba li l-provvediment ta' arranġamenti għat-tħejjija u r-rispons għal emerġenza jaqgħu taħt ir-responsabbiltà nazzjonali. Il-Kummissjoni timmaniġġja tajjeb l-arranġamenti tal-ECURIE biex tissodisfa l-obbligi li jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600 (il-paragrafi ***31*** sa ***36***), għalkemm hija tista' ttejjeb is-segwitu tat-tagħlimiet li ttieħdu u tal-kwistjonijiet li hija ddeterminat li jeħtieġu titjib.

78 Fir-rigward tal-opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar proġetti ta' investiment, aħna sibna li l-qafas attwali mhuwiex aġġornat mal-aħħar żviluppi politiċi, leġiżlattivi u teknoloġiċi fil-qasam tas-sikurezza nukleari (il-paragrafi ***48*** sa ***55***). Huwa ma jiżgurax li l-Kummissjoni tikseb l-informazzjoni li hija teħtieġ biex tiddiskuti l-"**aspetti kollha**" tal-proġetti ta' investiment li huma relatati mal-objettivi tat-Trattat[51]. Saż-żmien meta wettaqna l-awditu, mill-2016 'il hawn, il-Kummissjoni ma kienet ħadet l-ebda pass ulterjuri fil-proċess biex tipproponi aġġornament għal-leġiżlazzjoni (il-paragrafi ***56*** sa ***58***).

79 Il-Kummissjoni tuża r-riżultati tal-evalwazzjoni bejn il-pari bħala sors ta' informazzjoni meta tivvaluta t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-direttivi (il-paragrafu ***29***), u meta tħejji l-opinjonijiet tagħha dwar proġetti ta' investiment (il-paragrafi ***46*** sa ***47***). Ladarba l-kontrolli tat-traspożizzjoni u tal-konformità jiġu kkompletati, il-Kummissjoni se tibqa' responsabbli għall-monitoraġġ tar-riżultati tal-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

[51] Kif stabbilit fl-Artikolu 43 tat-Trattat Euratom.

Rakkomandazzjoni 2 – Aġġornament tal-qafas leġiżlattiv

Meta, f'konformità mal-pakkett dwar l-unjoni tal-enerġija tal-2015, il-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva biex jiġi aġġornat il-qafas li jkopri l-proġetti ta' investiment fis-settur nukleari, jenħtieġ li hija tieħu inkunsiderazzjoni:

- l-iżviluppi leġiżlattivi u politiċi l-aktar reċenti fil-qasam tas-sikurezza nukleari u d-direttivi Euratom l-aktar reċenti;
- il-bidliet l-aktar reċenti fin-natura tal-proġetti ta' investiment fis-settur nukleari, notevolment it-teknoloġiji l-ġodda u l-LTOs;
- l-esperjenza tal-parteċipazzjoni tagħha bħala osservatur fl-evalwazzjonijiet bejn il-pari.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022

80 Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għat-titjib tas-sikurezza nukleari u tal-protezzjoni mir-radjazzjoni fl-UE billi tagħti opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari u billi tivverifika l-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ kontinwu tal-livell ta' radjuattività. Madankollu, l-awditu li wettaqna wera xi limitazzjonijiet li jistgħu jnaqqsu l-valur miżjud tal-attivitajiet tal-Kummissjoni. Aħna sibna li l-Kummissjoni ma għandhiex proċeduri robusti biex tħejji l-opinjonijiet dwar investimenti fis-settur nukleari (il-paragrafi ***60*** sa ***65***) u biex tivverifika l-faċilitajiet tal-Istati Membri għall-monitoraġġ tar-radjuattività (il-paragrafi ***66*** sa ***73***). In-nuqqas ta' metodoloġiji approvati jħalli livelli għolja ta' diskrezzjoni lill-Kummissjoni, u dan jikkomprometti l-kompletezza, il-konsistenza u l-koerenza ta' dawn l-attivitajiet.

Rakkomandazzjoni 3 – Aġġornament tal-proċeduri

Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u koerenti biex jiġu vverifikati l-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività u biex jitħejjew opinjonijiet dwar investimenti fis-settur nukleari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri interni biex tiżgura li x-xogħol jiġi mwettaq, iddokumentat u rrieżaminat b'mod konsistenti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2022

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Joao Figueiredo, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Jannar 2020.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Klaus-Heiner Lehne
Il-President

Annessi

Annex I – Il-kontrolli tal-Kummissjoni

Tabella 1 – Kontrolli tat-traspożizzjoni

	RWD	NSD	BSSD
Data ta' skadenza tat-traspożizzjoni	23/8/2013	15/8/2017	6/2/2018
Notifiki li jiġu ppreżentati sad-data ta' skadenza jew qabel it-tnedija ta' proċedimenti ta' ksur għal nuqqas ta' komunikazzjoni	17	24	21
Tmiem tal-kontroll fuq l-Istati Membri li nnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom qabel it-tnedija ta' proċedimenti ta' ksur għal nuqqas ta' komunikazzjoni	11/2013	6/2018	għadhom għaddejjin[52]
Durata tal-kontroll fuq l-Istati Membri li nnotifikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom qabel it-tnedija ta' proċedimenti ta' ksur (xhur) – mira: 6 xhur[53]	3	10	għadha għaddejja
L-għadd ta' Stati Membri li ma nnotifikawx it-traspożizzjoni kompleta fiż-żmien meta sar dan l-awditu (Lulju 2019)	0	1	8
L-għadd ta' proċedimenti ta' ksur li tnedew għal nuqqas ta' komunikazzjoni u għal nuqqas ta' kompletezza	13	7	9
Żmien bejn l-ittri ta' intimazzjoni u l-opinjonijiet motivati (f'xhur)	minn 24 sa 29	minn 6 sa 9	minn 8 sa 10
Durata kumplessiva tal-proċedimenti ta' ksur (f'xhur)	50[54]	għadha għaddejja	għadha għaddejja

[52] Il-Kummissjoni tistenna li tiffinalizza l-kontrolli fl-ewwel kwart tal-2020; durata mistennija: minn 23 sa 25 xahar.

[53] Il-Kummissjoni, is-Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-Għodda Nru 37.

[54] Durata tal-itwal proċedura ta' ksur.

Tabella 2 – Kontrolli tal-konformità

	RWD	NSD	BSSD
Bidu tal-kontroll	24/8/2013	1/6/2018	Għadha ma nbdietx
Tmiem tal-kontroll	6/2018	għadha għaddejja	Għadha ma nbdietx
Durata kumplessiva tal-kontroll (xhur) – mira: minn 16 sa 24 xahar[55]	57	għadha għaddejja	Għadha ma nbdietx
Għadd ta' kontrolli (= Stati Membri) li ġew ikkompletati fiż-żmien meta sar dan l-awditu	28	14	Għadha ma nbdietx
Għadd ta' każijiet ta' ksur imnedija	15	0	Għadha ma nbdietx
Għadd ta' każijiet ta' ksur li kienu miftuħa fiż-żmien meta sar dan l-awditu	13	0	Għadha ma nbdietx

Tabella 3 – Programmi Nazzjonali taħt l-RWD

	Nuqqas ta' komunikazzjoni	Nuqqas ta' konformità
Bidu tal-kontroll	23/8/2015	23/8/2015
Tmiem tal-kontroll	11/2015	5/2018
Durata kumplessiva tal-kontroll (f'xhur)	3	33
Għadd ta' każijiet ta' ksur imnedija	9	17
Għadd ta' każijiet ta' ksur li kienu miftuħa fiż-żmien meta sar dan l-awditu	1	17

[55] Il-Kummissjoni, is-Sett ta' Għodod għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-Għodda Nru 37.

Annex II – Eżempji ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità fit-traspożizzjoni tal-RWD

RWD Artikolu	Rekwiżit	Nuqqas ta' konformità
5(1)(c)	L-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu qafas nazzjonali li jinkludi sistema ta' liċenzjar għall-attivitajiet u/jew il-faċilitajiet għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv.	Is-sistema ta' liċenzjar stabbilita minn xi Stati Membri ma kinitx tinkludi l-attivitajiet kollha relatati mal-ġestjoni tal-fjuwil użat jew tal-skart radjuattiv, bħalma huma r-rimi tal-iskart kif ukoll il-lokalizzazzjoni, id-disinn, il-bini, u l-għeluq tal-faċilitajiet.
6(3)	L-Istati Membri jridu jiżguraw li l-awtorità regolatorja kompetenti tingħata s-setgħat legali kif ukoll ir-riżorsi umani u finanzjarji biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-RWD.	Xi Stati Membri naqsu milli juru li l-awtorità regolatorja tagħhom ingħatat ir-riżorsi meħtieġa biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-RWD.
7(3)	L-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw li r-rekwiżiti ta' liċenzjar jinkludu dimostrazzjoni ta' sikurezza li tkopri l-iżvilupp u l-operat ta' attivitajiet nukleari, kif ukoll l-iżvilupp, l-operat u d-dekummissjonar jew l-għeluq ta' faċilitajiet nukleari, inkluża l-fażi ta' wara l-għeluq fil-każ ta' faċilitajiet ta' rimi tal-iskart.	Xi Stati Membri naqsu milli jiżguraw li r-rekwiżiti għad-dimostrazzjoni tas-sikurezza kienu jkopru l-aspetti kollha.
7(5)	L-oqfsa nazzjonali huma meħtieġa jinkludu obbligu għad-detenturi ta' liċenzja biex jiżguraw riżorsi finanzjarji u umani adegwati.	Xi Stati Membri naqsu milli jagħmlu kwalunkwe referenza għal riżorsi umani adegwati.
8	L-oqfsa nazzjonali huma meħtieġa jinkludu obbligu għall-partijiet kollha biex jagħmlu arranġamenti għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal tagħhom, kif ukoll għal attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp biex ikopru l-ħtiġijiet tal-Pjanijiet Nazzjonali.	Xi Stati Membri naqsu milli jiżguraw li l-partijiet kollha, inklużi l-produtturi, id-detenturi tal-liċenzji, l-awtoritajiet regolatorji kompetenti u awtoritajiet oħra, kienu obbligati jagħmlu l-arranġamenti għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persunal tagħhom. Il-miżuri ta' traspożizzjoni ta' xi Stati Membri ma jagħmlu l-ebda referenza għal attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp.

Glossarju

Aċċident: Kwalunkwe avveniment mhux intenzjonat li jkollu, jew jista' jkollu, konsegwenzi sinifikanti minn perspettiva ta' radjuattività jew ta' sikurezza nukleari.

Valur miżjud: il-valur iġġenerat minn azzjoni tal-UE li huwa addizzjonali għall-valur li kieku kien jinħoloq minn azzjoni ta' Stat Membru waħdu.

Opinjonijiet tal-Kummissjoni: Opinjonijiet tal-Kummissjoni dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari mogħtija skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 41 sa 44 tat-Trattat Euratom.

Emerġenza: Sitwazzjoni radjoloġika jew nukleari mhux mistennija li tkun teħtieġ azzjoni immedjata biex jiġu evitati jew jiġu mmitigati konsegwenzi negattivi serji.

Tħejjija għal emerġenza: L-istat ta' tħejjija biex tittieħed azzjoni li timmitiga l-konsegwenzi ta' emerġenza.

Rispons għal emerġenza: It-twettiq ta' azzjoni biex jiġu mmitigati l-konsegwenzi ta' emerġenza.

EU Pilot: Djalogu informali bejn il-Kummissjoni u Stat Membru dwar nuqqas ta' konformità potenzjali mad-dritt tal-UE, qabel it-tnedija ta' proċedura ta' ksur formali.

Inċident: Kwalunkwe avveniment mhux intenzjonat, li l-konsegwenzi jew il-konsegwenzi potenzjali tiegħu ma jkunux negliġibbli mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni jew is-sikurezza nukleari.

Radjazzjoni jonizzanti: Enerġija ttrasferita fil-forma ta' partiċelli jew mewġ elettromanjetiku, li kapaċi tipproduċi joni b'mod dirett jew indirett, jiġifieri atomi jew molekuli b'ċarġ tal-elettriku.

Irradjazzjoni: Esponiment għar-radjazzjoni.

Liċenzja: Dokument legali li jagħti awtorizzazzjoni biex jitwettqu ċerti attivitajiet relatati mal-ġestjoni tal-fjuwil użat jew tal-iskart radjuattiv, jew ir-responsabbiltà għal-lokalizzazzjoni, id-disinn, il-bini, l-ikkummissjonar, l-operat, id-dekummissjonar jew l-għeluq ta' faċilità jew installazzjoni nukleari għall-ġestjoni tal-fjuwil użat jew tal-iskart radjuattiv.

Operat fit-tul: Operat ta' impjant tal-enerġija nukleari lil hinn mill-perjodu ta' żmien stabbilit fil-liċenzja, fl-istandards jew fir-regolamenti, dment li jkompli jissodisfa r-rekwiżiti ta' liċenzjar.

Nukleari: Relatat ma' jew juża enerġija rilaxxata fil-fissjoni jew fil-fużjoni nukleari.

Installazzjoni nukleari: Impjant tal-enerġija nukleari, impjant ta' arrikkiment, impjant ta' manifattura ta' karburant nukleari, impjant ta' riproċessar, faċilità ta' reattur ta' riċerka, faċilità għall-ħżin ta' karburant użat; kif ukoll faċilitajiet għall-ħżin għal skart radjuattiv li huma fuq l-istess sit.

Radjuattività: Il-fenomenu li bih l-atomi jgħaddu minn diżintegrazzjoni aleatorja u spontanja, ġeneralment akkumpanjata minn emissjoni ta' radjazzjoni.

Fjuwil użat: Fjuwil nukleari li tneħħa mill-qalba tar-reattur wara l-irradjazzjoni. Dan jista' jiġi riproċessat, jew jintrema jekk jitqies bħala skart radjuattiv.

Test tal-istress: Valutazzjonijiet tar-riskju u tas-sikurezza mwettqa fuq l-impjanti tal-enerġija nukleari kollha tal-UE biex ikejlu l-kapaċità tagħhom li jirreżistu għal perikli bħal terremoti, għargħar, attakki terroristiċi u kolliżjonijiet ta' inġenji tal-ajru.

Impriża: Persuna fiżika jew ġuridika li tkun responsabbli, skont il-liġi nazzjonali, għal sors ta' radjazzjoni jew għal twettiq ta' attività li tista' żżid l-esponiment tal-individwi għal radjazzjoni minn sors ta' radjazzjoni.

Akronimi u abbrevjazzjonijiet

BSSD: Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza

CJEU: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

ECURIE: Sistema Komunitarja ta' Skambju ta' Informazzjoni Radjoloġika Urġenti

ENSREG: Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari

EP&R: Tħejjija u Rispons għal Emerġenza

EURDEP: Pjattaforma Ewropea għall-Iskambju ta' *Data* Radjoloġika

IAEA: Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika

JRC: Ċentru Konġunt tar-Riċerka

LFN: Ittra ta' Intimazzjoni

LTO: Operat fit-tul

NEA: Aġenzija għall-Enerġija Nukleari

NSD: Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari

RO: Opinjoni Motivata

RWD: Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat

TFEU: It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

USIE: Sistema Unifikata għall-Iskambju ta' Informazzjoni f'Każ ta' Inċidenti u Emerġenzi

WANO: Assoċjazzjoni Dinjija ta' Operaturi Nukleari

WENRA: Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent

TWEĠIBIET TAL-KUMMISSJONI GĦAR-RAPPORT SPEĊJALI TAL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

"IL-KUMMISSJONI TIKKONTRIBWIXXI GĦAS-SIKUREZZA NUKLEARI FL-UE, IŻDA HUMA MEĦTIEĠA AĠĠORNAMENTI"

SOMMARJU EŻEKUTTIV

I. Is-sikurezza nukleari hija prijorità għall-Kummissjoni Ewropea. L-approċċ tal-UE lejn is-sikurezza nukleari huwa bbażat fuq il-prinċipji li jilħqu l-ogħla livelli ta' sikurezza u li jimmiraw għal titjib kontinwu, sabiex in-nies ikunu protetti, għall-kontroll tal-perikli, għall-prevenzjoni u r-reazzjoni għall-emerġenzi u biex jittaffew kwalunkwe konsegwenzi ta' ħsara.

Għal dan il-għan, l-UE waqqfet qafas legali avvanzat, legalment vinkolanti u infurzabbli dwar is-sikurezza nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, it-tħejjija u r-rispons għal emerġenzi, u l-ġestjoni ta' skart radjuattiv u ta' fjuwil użat, imsejjes fuq prinċipji komuni madwar id-dinja tal-konvenzjonijiet internazzjonali u msaħħaħ fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-inċident nukleari ta' Fukushima u tal-aħħar żviluppi xjentifiċi.

IV. Bħala regola, it-Trattati jagħtu lill-Kummissjoni Ewropea d-dritt ta' inizjattiva biex tipproponi leġiżlazzjoni ġdida tal-UE/Euratom. Madankollu, ma tistax hi stess tadotta l-leġiżlazzjoni proposta; din hija l-prerogattiva taż-żewġ istituzzjonijiet li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-Parlament Ewropew u/jew tal-Kunsill.

IX. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 63 u 72.

OSSERVAZZJONIJIET

25. Il-Kummissjoni tistinka biex tlesti l-verifika tal-konformità fil-parametru referenzjarju ta' 16 sa 24-il xahar, li mhuwiex skadenza legali u jiġi kkalkulat mid-data tal-komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali. Għaldaqstant, il-kontroll jiddependi fuq il-komunikazzjoni ta' dawk il-miżuri mill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni taqbel mad-dikjarazzjoni tal-QEA u tinnota li d-dewmien jista' jiġi spjegat mill-fatt li l-Istati Membri kellhom jadottaw programm nazzjonali għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv għall-ewwel darba sal-23 ta' Awwissu 2015.

38. Il-komunikazzjoni pubblika f'każ ta' emerġenza taqa' primarjament taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 3(1)(h) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom. Madankollu, is-servizzi tal-Kummissjoni jħejju stqarrijiet għall-istampa u jikkomunikawhom lill-Kelliem tal-Kummissjoni, bħala parti mill-eżerċizzji ECURIE.

Fir-rigward tat-taħriġ ta' esperti nazzjonali, il-Kummissjoni torganizza, meta jkun meħtieġ, taħriġ għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar l-EECUIE u EURDEP, b'mod partikolari meta jkun hemm bidliet fis-sistema. Il-ħtieġa għal tali programmi ta' taħriġ hija diskussa u maqbula waqt il-laqgħat tal-Awtoritajiet Kompetenti tal-ECRAE.

63. S'issa, fir-rigward tal-opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment, il-Kummissjoni użat proċeduri interni bbażati fuq il-kliem tat-Trattat Euratom u r-Regolamenti eżistenti fis-seħħ, jiġifieri *r-Regolament tal-Kunsill (EURATOM) Nru 2587/1999 tat-2 ta' Diċembru 1999 li jiddefinixxi l-proġetti ta' investiment li għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 315, 9.12.1999, p. 1-3),* u *r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1209/2000 tat-8 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi proċeduri*

biex iġib fis-seħħ il-komunikazzjonijiet preskritti taħt l-Artikolu 41 tat-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika (ĠU L 138, 9.6.2000, p. 12-14).

64. Il-każ deskritt f'dan il-paragrafu mill-QEA kien notifika volontarja (jiġifieri proġett għal ammont ta' investiment taħt il-limitu definit mill-qafas legali) li jaqa' taħt l-Artikolu 1(4) tar-Regolament tal-Kunsill 2587/1999.

72. Il-verifiki huma bbażati fuq il-*Verifika tal-faċilitajiet ta' monitoraġġ tar-radjuattività ambjentali skont it-termini tal-Artikolu 35 tat-Trattat tal-Euratom — Arranġamenti prattiċi għat-twettiq ta' żjarat ta' verifika fl-Istati Membri (ĠU C 155, 4.7.2006, p.2-5)*, l-għarfien espert tat-tim tal-verifika u tqabbil ma' arranġamenti fi Stati Membri oħra.

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

74. Bħala regola, it-Trattati jagħtu lill-Kummissjoni Ewropea d-dritt ta' inizjattiva biex tipproponi leġiżlazzjoni ġdida tal-UE/Euratom. Madankollu, ma tistax hi stess tadotta l-leġiżlazzjoni proposta; din hija l-prerogattiva taż-żewġ istituzzjonijiet li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-Parlament Ewropew u/jew tal-Kunsill.

Rakkomandazzjoni 1 – Aġġornament tal-approċċ għall-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-Direttivi tal-Euratom

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni taċċetta li tiddefinixxi l-linji gwida meħtieġa — li għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' deċiżjoni interna tas-servizz tal-Kummissjoni responsabbli — li jipprovdu għal valutazzjoni tar-riskju ta' traspożizzjoni għal direttivi futuri tal-Euratom. Il-valutazzjoni tar-riskju se tevalwa l-oqsma ewlenin ta' dawn id-Direttivi, u l-ħtieġa li tiġi żviluppata gwida u / jew strateġija interpretattiva interna dettaljata li tappoġġa lill-persunal tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-verifiki ta' konformità.

Rakkomandazzjoni 2 – Aġġornament tal-qafas leġislattiv

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

80. Ara t-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-paragrafi 63 u 72.

Rakkomandazzjoni 3 – Proċeduri ta' aġġornament

Il-Kummissjoni taċċetta r-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni hija lesta li tistabbilixxi – permezz ta' deċiżjoni tas-servizz tal-Kummissjoni responsabbli – proċeduri interni xierqa biex tiżgura li x-xogħol ta' verifika tal-faċilitajiet ta' monitoraġġ tar-radjuattività jiġi mwettaq, iddokumentat u rivedut b'mod konsistenti.

Kronoloġija

Avveniment	Data
Il-Memorandum ta' Ppjanar tal-Awditjar (APM) jiġi adottat / L-awditu jinbeda	12.12.2018
L-abbozz ta' rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lill-entità l-oħra awditjata)	21.11.2019
Ir-rapport finali jiġi adottat wara l-proċedura kontradittorja	8.1.2020
Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew tal-entità l-oħra awditjata) jaslu bil-lingwi kollha	4.2.2020

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2020.

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija implimentata bid-Deċiżjoni Nru 6-2019 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA, li huwa proprjetà tal-UE, huwa liċenzjat taħt il-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat, dment li l-awturi jingħataw kreditu xieraq u li l-bidliet jiġu indikati. Il-persuni li jużaw mill-ġdid dan il-kontenut ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali tad-dokumenti. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Inti meħtieġ tikseb drittijiet addizzjonali ċari jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, pereżempju f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza. Fejn ikun inkiseb permess, tali permess għandu jikkanċella l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Biex tuża jew tirriproduċi kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, inti jista' jkun li jkollok titlob il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur:

Softwer jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinji rreġistrati, logos u ismijiet, huma eskluži mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid u inti ma għandekx il-liċenzja biex tużahom.

Il-familja ta' Siti Web istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fi ħdan id-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li dawn ma jaqgħux taħt il-kontroll tal-QEA, inti mħeġġeġ biex teżamina l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u d-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Ma jistax isir użu mil-logo tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

PDF	ISBN: 978-92-847-4314-8	ISSN: 1977-5741	doi: 10.2865/856769	QJ-AB-20-002-MT-N
HTML	ISBN: 978-92-847-4302-5	ISSN: 1977-5741	doi: 10.2865/480793	QJ-AB-20-002-MT-Q

Ir-responsabbiltà primarja għas-sikurezza nukleari taqa' taħt id-detenturi ta' liċenzji ta' installazzjonijiet nukleari u l-awtoritajiet nazzjonali. Ir-responsabbiltajiet speċifiċi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam huma li tiżviluppa qafas legali Euratom u tissorvelja t-traspożizzjoni tiegħu fl-Istati Membri; li tivverifika l-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività tal-Istati Membri; u tivverifika l-kompatibbiltà tal-investimenti fis-settur nukleari mat-Trattat Euratom.

Aħna nikkonkludu li, b'mod ġenerali, il-Kummissjoni użat dawn il-kompetenzi b'mod tajjeb u kkontribwiet għas-sikurezza nukleari fl-UE.

Ir-rakkomandazzjonijiet tagħna jiffukaw fuq ir-rwol li l-Kummissjoni għandha f'dak li jirrigwarda l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni ta' direttivi Euratom, il-qafas li abbażi tiegħu hija toħroġ l-opinjonijiet dwar investimenti fis-settur nukleari, u l-approċċ li hija tapplika meta tħejji l-opinjonijiet u twettaq verifikazzjonijiet tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.

QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditors